# il-Bastun

LEĦEN IL-FLORIANA SENIOR CITIZENS


**L-AĦĦAR APPELL**

**INTI ĠEDDIDT IS-SĦUBIJA TIEGĦEK GĦAS-SENA 2022?**

**IS-SENA WASLET BIEX TINTEMM**


**Vol. XVIII Nru. 131** **NOVEMBRU 2022**




Diskors fil-Plenarja tat-Tieni Sessjoni tal-Parlament bit-titlu "**Abbużi fuq l-Anzjani u Drittijiet**". (30 ta' Settembru 2022)
(Minn Publio Agius – President, Floriana Senior Citizens)

**Is-suġġett li kelli nitkellem dwaru kien jikkonċerna l-qasam diġitali kif jolqot lill-anzjani. Bdejt id-diskors tiegħi hekk:-**

Ilkoll nafu, li l-eta' medja tal-bniedem kull ma jmur qed tikber. Dan fih innifsu hu ta' benefiċċju għal kull soċjeta'għax kull ħajja għandha l-valur tagħha. Imma fil-prattika x'sens jagħmel li tgħix aktar jekk fl-aħħar snin ta' ħajjtek tispiċċa emarġinat u sajjem minn opportunitajiet li jimpeduk minn parteċipazzjoni sħiħa u komunikattiva meta l-aktar tiġi bżonnhom?

**Sfidi moderni**

Irridu nammettu li f'pajjiżna għad għandna persentaġġ għoli ta' persuni, speċjalment dawk 'l fuq minn 60 sena li għadhom illitterati fl'użu tat-teknoloġija tal-informatika. Dan qed iħalli impatt u effett negattiv fuq il-psikoloġija tagħhom, għax barra li qed jitilfu opportunitajiet u sfidi interessanti għalihom, qed jaqtgħu lura f'dak kollu li toffri l-ħajja ta' żmienna. Din il-qasma diġitali qed ittellef l-ekwita' fil-parteċipazzjoni sħiħa tal-ħajja, fejn kollox jiddependi fuq il-mezzi diġitali. Ħadd ma jista' jwaqqaf l-arloġġ, għalkemm għal ħafna anzjani l-arloġġ tagħhom ikun ilu jimmarka l-istess ħin. Hu propju dan il-gwaj li lkoll irridu nikkumbattu. Minn għandu esperjenza mal-anzjani jifhem tajjeb kemm hu diffiċli li tipperswadi persuna anzjana biex tibdel l-użanzi tradizzjonali tagħha. U għal ħafna minnhom din il-fażi tal-ħajja tfisser biss, ħajja trankwilla u bl-inqas sforz, inkwiet u sfidi.. Atitudni perikoluża ta' rassenjazzjoni li sfortunatament hija komuni fost l-anzjani fil-pajjiżi kollha. U forsi hawn wieħed jistenna aktar responsabbilta' minn qraba żgħażagħ li m'għandhomx il-paċenzja jassistu lill-anzjani f'dan il-qasam.

**Il-benefiċċji tal-internet**

Skont l-International Telecommunication Union (ITU), li hi l-aġenzija tal-informatika u komunikazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, terz tal-popolazzjoni fid-dinja m'għandhomx internet u għalhekk ma jistgħux jipparteċipaw kif inhu d-dritt tagħhom fl-oqsma u servizzi diġitali bħal per eżempju, li jikkomunikaw mal-qraba tagħhom, jagħmlu użu minn faċilitajiet mediċi, jixtru oġġetti u jħallsu permezz tal-mobile, kif ukoll li jagħmlu użu minn apparat tas-sigurta' u s-saħħa fi djarhom,..... faċilitajiet li jaffettwaw b'mod pożittiv il-ħajja tal-anzjani kollha.

**Sitwazzjoni diskriminatorja għall-anzjani**

Għalkemm fiż-żmien tal-pandemija tal-Covid 19 is-sitwazzjonji tjiebet, għad għandna faxxa sostanzjali fis-soċjeta' tagħna li sfortunatament tinsab 'din il-kategorija u qed tgħix f'ambjent fejn ta' madwarhom qed jippruvaw jikkomunikaw b'lingwa differenti, f'realta' diskriminatorja li qed timpedihom mill-istess drittijiet u opportunitajiet ugwali.

**Ħtieġa li kull anzjan ikollu s-servizz tal-internet b'xejn**

Il-Floriana Senior Citizens issa ilha snin tisħaq dwar il-bżonn li kull anzjan għandu jkollu s-servizz tal-internet b'xejn jew issussidjat mill-Istat, bħala servizz soċjali. Fl-ewwel plenarja li saret f'Ottubru ta' sentejn ilu bit-tema 'Solidarjeta' bejn il-ġenerazzjonijiet" kont issollevajt ukoll dan is-suġġeriment u ppubblikajt artikli fil-ġurnali, imma sallum ma nistax ngħid li sar progress tanġibbli fuq din il-materja. L-Istat, ġustament qed iwieżen lill-kategoriji oħrajn, bħal ma huma studenti żgħar u kbar, billi jfornihom b'faċilitajiet tal-IT, u hekk għandu jagħmel fost il-kategorija tal-anzjani u persuni oħra li jeħtieġu l-għajnuna u t-taħriġ fil-qasam tal-informatika, għax dak hu dritt tagħhom ukoll.

**L-Għarfien tal-użu diġitali**

Hu indispensabbli għalhekk li l-awtorijitajiet responsabbli għall-għarfien tal-informatika kif ukoll dawk tal-anzjani jikkunsidraw bis-serjeta' li tiġi mwaqqfa aġenzija li l-missjoni tagħha tkun biex tferrex kemm tista' l-għarfien tal-użu diġitali u tħajjar aktar parteċipażżjoni fost l-anzjani. Din hija sfida mportanti ħafna li l-pajjiż għandu bżonn jieħu ħsieb urġentement, għax qed naraw l-effett tagħha fuq anzjani u persuni oħra li qed jitfixklu quddiem l-introduzzjoni ta' sistemi diġitali ġodda qabel ma jsirilhom it-taħriġ neċessarju. Eżempju prattiku ta' dan kien l-introduzzjoni tal-użu tal-cash card u l-ATM mill-banek lokali li ħasad lil dawk li tradizzjonalment kienu jagħmlu użu mill-kaxxier biex isarrfu l-pensjoni jew jagħmlu xi transazzjoni bankarja oħra. Miżuri li nisslu tbatija żejda u ansjeta' fost bosta anzjani.

**Appell għall-azzjoni**

Nagħlaq billi nappella lill-awtoritajiet ta' dan il-parlament jagħtu aktar widen tas-suġġerminenti u l-ħsibijiet li ġew proposti f'din it-tieni assemblea parlamentari għax dawn huma l-eku ta' tant weġgħat li aħna bħala għaqdiet qed inwasslu f'din l-istituzzjoni sabiex kull persuna jkollha d-dritt tgħix ħajja parteċipattiva u b'dinjita' sal-aħħar nifs tagħha.

## *Mill-keyboard ta' Dun Kalċ eks Arċipriet tal-Furjana*



## Ix-xahar tal-Erwieħ

Novembru: fl-antik magħruf bħala x-xahar tal-Erwieħ.

Fl-ewwel jum, niċċelebraw il-Knisja li diġà għaddiet għall-ħajja ta' dejjem, is-sema pajjiżna: s-Sollennità tal-qaddisin kollha.

Fit-tieni jum niċċelebraw l-Għid tal-imwiet, l-erwieħ li qed jistennew li jidħlu l-Ġenna.Kemm San Mattew, kif ukoll San Luqa, isemmgħulna lil Ġesù jitkellem fuq il-kwalitajiet tal-bniedem li għandu l-passaport biex jidħol il-Ġenna. Fil-fatt il-beatitudnijiet, il-Henjin, huma dawk li jkunu għexu kontra dak li normalment tissuġġerixxi d-dinja u allura jkollhom jilqgħu għall-kritika, għat-tgħajjir u l-persekuzzjoni.

Imma Ġesù jagħmlilna kuraġġ għax, kif jgħidilna Hu: "Henjin intom meta jgħajrukom u jippersegwitawkom u jgħidu kull deni fuqkom bil-gideb minħabba fija. Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir fis-smewwiet." *(Mt 5, 11-12 u Lq 6, 22-23).* Għalhekk kuraġġ ħbieb, ejjew ma nħallux it-tfixkil ta' min ma jaqbilx mal-istil tal-ħajja nisranija jfixkilna.

F'Novembru niftakru fl-għeżież tagħna mejtin, imma diment li qed naħdmu għal hemm, ma ninsewx li ġurnata għad nerġgħu niltaqgħu fid-dar veru tagħna. Kuraġġ!

*Dun Kalċ*

**********

## Żjara interessanti fil-Polonja mill-President u s-Segretarju tal-Floriana Senior Citizens

**Fi żjara interessanti li l-President Publio Agius u s-Segretarju Emanuel Raimondo għamlu matul ix-xahar ta' Awwissu fil-Polonja, bil-kollaborazzjoni tal-kumpanija Future Focus Ltd. ltaqgħu mal-membri tal-Akkademja Pollakka ACTIVUS li taħdem ħafna b'risq l-anzjani Pollakki. Din il-mawra kienet parti mill-programm ERASMUS**




**Il-President Publio Agius u Emanuel Raimondo s-Segretarju tal-FSC, flimkien mad-diretturi, is-Sa Rosanne u s-Sur John D. Galea (it-tielet u l-ewwel mill-lemin), tal-kumpanija Future Focus Ltd. u membri tal-Akkademja ACTIVUS, waqt zjara fil-belt ta' Lodz fil-Polonja. Jidher ukoll il-President tal-Akkademja ACTIVUS, Is-Sur Marek Chalas, (it-tielet mix-xellug)**

Huma tkellmu u bidlu l-ideat dwar l-operat tal-Floriana Senior Citizens u kif ukoll dwar il-valuri Ewropei u attivitajiet oħra mill-Akkademja fil-belt ta' Lodz. Matul iż-żjara ipparteċipaw fi programm kulturali u edukattiv. Ingħataw tagħrif dwar kif żviluppaw il-Belt tagħhom Lodz minn post ta' deżolazzjoni għal wieħed dinamiku u li joffri sfidi nteressanti. F'Settembru żaru Malta grupp mill-Akkademja ACTIVUS. u l-membri mill-FSC ħaduhom iżuru l-Mużew uniku li jinsab mal-kunvent tal-patrijiet Kapuċċini l-Furjana. Il-Pollakki kienu ferm impressjonati b'dak li raw f'dan il-Mużew fejn Patri Martin Micallef spjegalhom fid-dettall it-teżori li fih dan il-Mużew Kapuċċin. Fl-aħħar huma ngħataw ikel u xorb Malti u rregalaw xi *souvenirs* ta' Lodz, lill-membri tagħna.

## HACHIKO

***Kitba ta' Emily Barbaro-Sant***

***Din l-istorja ġrat tassew u għandha tinżel għasel ma' min iħobb l-annimali.***

HACHIKO kien il-kelb ta' wieħed professur ta' università partikulari. Il-professur ma kellu lil ħadd jiġi minnu. Kellu biss lil dan il-kelb li kien iħobbu b'imħabba tal-ġenn. Kien jieħdu miegħu kważi kullimkien.



Biex il-professur imur l-università kien irid jaqbad il-ferrovija kuljum, u naturalment jiġi lura biha. Filgħodu, il-professur kien iħalli lil HACHIKO l-istazzjon u jerġa' jiġbru x'ħin jirritorna filgħaxija. U HACHIKO kien jibqa' hemm kwiet, bla ma jdejjaq lil ħadd, jistenna lil sidu jiġi lura. Kulħadd kien drah u kulħadd kien jiggustah. Darba minnhom, il-professur tah attakk tal-qalb u f'kemm trodd salib, miet.

HACHIKO baqa' jistenna lil sidu mingħajr ma sidu rritorna. Ma ċċaqlaqx minn fejn kien ħallih filgħodu. Geddumu mal-art jistenna lil sidu jiġi lura u jmorru flimkien id-dar. Dakinhar, dan ma ġarax. Kien hemm xi nies li tawh x'jixrob u anke x'jiekol. Kien hemm min ipprova jneħħih minn hemm għax tħassru u għax forsi ħaseb li sidu abbandunah, imma HACHIKO ma ried jiċċaqlaq b'xejn minn fejn kien. Fl-aħħar, wara xi ġranet, mingħajr ma jixrob jew jiekol, barra li ħass ħafna n-nuqqas ta' sidu, il-kelb miet.

Il-Kunsill tal-belt, waqqaf statwa ta' dan il-kelb f'nofs ta' pjazza għall-memorja ta' HACHIKO – il-kelb li tant ħabb lil sidu, li baqa' jistennih sakemm ma felaħx aktar u miet.

♦ Din l-istorja vera għandha tkun ta' tagħlima għalina u għal dawk li jimmaltrattaw l-annimali.

**********

## Kors dwar il-kura tal-anzjani

**Iċ-Ċentru ta' Taħriġ San Vinċenz de Paule Faċilità għall-Kura fit-Tul, qed jorganizza kors ta' teorija u prattika dwar il-kura tal-anzjani.**

Il-kors hu akkreditat mill-Università ta' Malta, u hu maħsub biex *carers* prospettivi jiksbu l-ħiliet neċessarji biex jagħtu kwalità ta' ħajja aħjar lill-anzjani u nies fil-bżonn. It-teorija u l-prattika huma maħsuba biex iħejju lill-istudenti jqiegħdu ħilithom fil-prattika. Sadattant l-istudenti jaħdmu ma' *team* multi-dixxiplinarju biex jagħtu l-aħjar kura.

Dawk kollha minn 16-il sena 'l fuq jistgħu japplikaw filwaqt li jrid ikollhom ċertifikat tat-tmiem tal-edukazzjoni obbligatorja (Form 5), kondotta nadifa tal-Pulizija u litterati fil-Malti u l-Ingliż.

● Applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu mis-sit www.svp.gov.mt jew jingħabru miċ-Ċentru ta' Taħriġ SVP jew mill-Ministeru għal Għawdex. L-applikazzjonijiet għandhom jittieħdu fiċ-Ċentru jew fil-Ministeru msemmija bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa mit-8am sas-2pm.